MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 685/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER MIRUZZI**
**KONTRA**

**ETRUGH HAMZA MUSTAFA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Etrugh Hamza Mustafa ta’ 32 sena, mwieled Libja fis- 16 ta’ Frar 1978, residenti Shalom Flat 2, Triq Benghajsa Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 36485(A);

Li gi imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fis- 16 ta’ Mejju 2010 f’ dawn il- Gzejjer gieghel annimali isofru ugiegh, tbatija, jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) Ukoll talli fl- istess data, lok, perjodu u cirkostanzi zamm annimali jew qabel li jzomm annimali u kien responsabbli ghat- trattament mhux xieraq taghhom;

3) Fuq talba tal- Kontrollur tad- Dwana u tal- Kummissarju tal- VAT akkuzat talli fis- 16 ta’ Mejju 2010, mal- wasla tieghu fl- Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fuq titjira minn Tripoli xjentement naqas li jiddikjara lill- Ufficjal tad- Dwana fkieren liema importazzjoni tal- imsemmija fkieren huwa ristretta jew ipprojbita bi ksur tal- Artikolu 60 (b) (k) u Artikolu 62 (a), (b), (f), (g), (h), (i), tal- Ordinanza tad- Dwana Kapitolu 37, kif ukoll bi ksur ta’ Regolament 22 Legislazzjoni Sussiddjarja 37.05 tal- Ligijiet ta’ Malta u l- Artikolu 80 tal- Att Dwar it- Taxxa fuq il- Valur Mizjud. Dawn il- fkieren ghandhom valur totali ta’ €800 u Dazju xejn. Taxxa fuq il- Valur Mizjud €144 liema taxxa ma gietx imhallsa, u/jew kawtelata;

4) Ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi mporta fkieren li huma speci protetti skond ir- Regolament Principali tal- Avviz Legali 236 tal- 2004;

5) Ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi kellu fil- pussess xi ezemplari li l- importazzjoni taghhom taqa’ taht ir- Regolamenti ta’ l- A.L. 236 tal- 2004 u naqas li jzomm fil- pussess tieghu, u ghaz- zmien kollu li dak l- ezemplari jkun fil- pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li jkollhom x’ jaqsmu mal- importazzjoni ta’ dak l- ezemplari;

6) Akkuzat ukol talli fl- istess data, hin u cirkostanzi mporta fil- Komunita’ jew Esporta jew Esporta mill- gdid mill- Komunita’ ezemplari minghajr il- permessi jew certifikati necessarji;

7) Ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi stiva ezemplari hajjin li ma kienx imhejji sew biex jitnaqqas ir-

riskju li tali ezemplari jwegghu, tigrilhom xi hsara ghal sahhithom jew jigi trattat b' mod krudili;

8) Ukoll talli sar recidiv b' sentenza data 14 ta' Frar 2005 Mag. Dr. Saviour Demicoli liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 60 (b) (k) u Artikolu 62 (a), (b), (f), (g), (h), (i), tal- Ordinanza tad- Dwana Kapitolu 37, kif ukoll Regolament 22 Legislazzjoni Sussiddjarja 37.05 tal-Ligijiet ta' Malta u l- Artikolu 80 tal- Att Dwar it- Taxxa fuq il- Valur Mizjud.
Kif ukoll ir-Regolamenti tal-Avviz Legali 236 tal-2004;
U l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf ewro (€1,000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------